MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru 599/2004

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Christopher Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 484179(M) li hu akkuzat talli:

1. nhar il-21 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta tat-7:45 ta’ filghaxija, fi Triq Hal Luqa, gewwa Hal Tarxien, b’sewqan traskurat, bla kont u b’sewqan perikoluz, saq vettura tal-ghamla Volswagon, mudell Polo, bin-numru tar-registrazzjoni: CHR-579 u bil-konsegwenza ta’ dan ikkawza griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Joyce Attard minn Rahal Gdid, liema ferita ggib debulizza

permanenti fis-sahha jew il-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem, skond kif iccertifikat minn Dr. Jesmond Cassar (medical warrant no: 1906) mic-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u Dr. Francis Borg M.D. mill-klinika St. James, Haz Zabbar u dana bi ksur tal-Artikolu 216(1)(b) u l-artikolu 328(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Peter Farrugia skond kif iccertifikat minn Dr. Mariella Caruana M.D mic-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u dana bi ksur tal-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Maria Farrugia skond kif iccertifikat minn Dr. Jesmond Cassar M.D. (medical warrant no.: 1906) mic-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u dana bi ksur tal-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-istess fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla Volswagon, mudell Polo, bin-numru tar-registrazzjoni: CHR-579 b’giri aktar milli jmissu;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla Volswagon, mudell Polo, bin-numru tar-registrazzjoni: CHR-579 fuq in-naha hazina tat-triq.

Il-Qorti mitbluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta’ Christopher Mifsud u dan skond kif inhu mitlub fl-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat li kkaguna feriti gravi fuq Joyce Attard u feriti hfief fuq Peter Farrugia, Maria Farrugia u Rita Piscpo. Akkuzat ukoll talli saq vettura b'giri aktar milli jmissu u li saq fuq in-naha hazina tat-triq.

Mill-provi jirrisulta li l-akkuzi huma konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Lulju 2004 li fih kien hemm koinvolti tlett vetturi kompriza dik tal-imputat. Meta xehed viva voce kulma qal dwar kif sehh l-incident hu illi kien qieghed jimmanuvra r-'roundabout' ta' Hal Luqa u f'daqqa wahda habat; hemm izda d-dikjarazzjoni tieghu riportata fl-okkerrenza (fol 30) li fiha l-imputat kien izjed dirett u spjega illi kif kien wasal hdejn ir-'roundabout' ghafas il-brake izda baqa sejjer dirett ghal gol-vettura Toyota li kienet gejja minn naha opposta wara li kien habat ma' karozza ohra li kienet qabel it-Toyota u liema vettura Toyota tirrisulta dik li fiha kienu riekba l-persuni li sfaw feriti.

Issa anka minn din id-dikjarazzjoni biss r-responsabilità ghall-incident u l-konsegwenti feriment tal-persuni fit-Toyota hija tal-imputat. U din ir-responsabilità hija asserita mix-xhieda l-ohra li gew prodotti fil-proceduri.

Illi fir-rigward l-akkuzi l-ohra, senjatament dawk prospettati mill-Avukat Generali taht l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, tirrisulta dik taht is-subartikolu (2) izda mhux ukoll dik taht is-subartikolu (1) sub incis (a).

Illi jigi rilevat f'dan l-istadju li l-kwerelant Peter Farrugia irrinunzja ghal kull azzjoni kriminali sakemm rinuzjabbli u fir-rigward il-feriti gravi sofferti minn Joyce Attard dawn jikkonsistu principalment fi ksur ta' wiehed minn subghajha li dam aktar minn erbghin gurnata biex ifieq.

Ghaldaqstant u premess 'il fuq espost qeghda l-Qorti issib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 216(1)(b), 328(c), dan relattivament il-hsara

involontarja li kkaguna liz-zewg vetturi li fihom habat u l-Artikolu 17 (h) tal-Kap 9 ukoll l-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 u tikkundannah multa ta' mitejn euro relativament ghall-akkuza tal-hsara involontarja u tilliberah tal-akkuza tal-ferita gravi bl-applikazzjoni tal-Aritikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mil-lum.

Fuq l-iskorta tas-subartikolu (2) tal-Kap 65 qeghda tiskwalfika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur fil-waqt li tieqaf li tapplika l-Artikolu 383 billi mhux inkovat mill-Avukat Generali.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilità tieghu b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------